V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10805 — MDP / HPS / PREMFINA / iGO4)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 278/05)

1. Fit-12 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Madison Dearborn Partners, LLC ("MDP", l-Istati Uniti),

— HPS Investment Partners, LLC ("HPS", l-Istati Uniti),

— Premfina Limited ("Premfina", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn MDP,

— i GO 4 Ltd. ("iGO4", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn MDP.

MDP u HPS se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Premfina u ta' iGO4.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— MDP hija ditta ta' investiment ta' ekwità privata bbażata fl-Istati Uniti, prinċipalment attiva fis-setturi li ġejjin: Industriji Bażiċi, Software u Servizzi tal-Gvern u tan-Negozju, Servizzi Finanzjarji u ta' Tranżazzjoni, Kura tas-Saħħa, u Telekomunikazzjoni, Media u Tekonoloġija.

— HPS hija ditta tal-investiment ibbażata fl-Istati Uniti attiva f'self ingranat sindakat u bonds b'rendiment għoli, dejn garantit superjuri nnegozjat privatament u investimenti intermedji, lokazzjoni bbażata fuq l-assi u ekwità privata.

— Premfina tipprovdi finanzjament primjum bħala sellief tar-rekord, u soluzzjonijiet ta' softwer tal-assigurazzjoni b'tikketta bajda lil sensara tal-assigurazzjoni fir-Renju Unit.

— iGO4 jipprovdi prodotti tal-assigurazzjoni tal-karozzi u tal-assigurazzjoni telematika lill-konsumaturi fir-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' tkun koperta mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tkun speċifikata:

M.10805 — MDP / HPS / PREMFINA / iGO4

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' ittra elettronika, bil-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.